32007D0135

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Frar 2007

li temenda d-Deċiżjoni 2003/135/KE fir-rigward ta' l-emenda tal-pjanijiet għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer selvaġġi u t-tilqim ta' emerġenza tal-ħnieżer selvaġġi kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti nħawi ta' l-Istat Federali tar-Rhineland-Palatinate (il-Ġermanja)

(notifikat bid-dokument numru C(2007) 527)

(It-testi bil-Ġermaniż u l-Franċiż biss huma awtentiċi)

(2007/135/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' l-infafet vesikolari (deni klassiku) tal-ħnieżer [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 16(1) 20(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/135/KE tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer u l-vaċċinazzjoni ta' emerġenza ta' ħnieżer selvaġġi kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer tal-ħnieżer fil-Ġermanja, fl-istati federali tas-Sassonja ta' Isfel, tan-Nord Rhine-Westphalia, ir-Rhineland-Palatinate u s-Saarland [2] ġiet adottata bħala waħda minn għadd ta' miżuri fil-ġlieda kontra l-marda tad-deni klassiku tal-ħnieżer.

(2) L-awtoritajiet Ġermaniżi informaw lill-Kummissjoni dwar l-evoluzzjoni reċenti tal-marda fi ħnieżer selvaġġi f'ċerti nħawi tar-Rhineland-Palatinate fil-Ġermanja li jmissu mal-konfini tan-Nord Rhine-Westphalia.

(3) L-awtoritajiet Ġermaniżi u Franċiżi informaw lill-Kummissjoni dwar l-evoluzzjoni reċenti tal-marda fi ħnieżer selvaġġi f'ċerti nħawi tar-Rhineland-Palatinate fil-Ġermanja u fiż-żoni li jmissu ma' Franza.

(4) Dan it-tagħrif jindika li d-deni klassiku fil-ħnieżer selvaġġi ġie eradikat b'suċċess f'ċerti żoni fit-territorju Ġermaniż u li l-vaċċinazzjoni tal-ħnieżer selvaġġi u l-pjan ta' qerda ma għandhomx bżonn jiġu applikati aktar f'dawn iż-żoni fit-territorju Ġermaniż.

(5) Id-Deċiżjoni 2003/135/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma b'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness ta' din id-Deċiżjoni 2003/135/KE qed jiġi sostitwit bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

[2] ĠU L 53, 28.2.2003, p. 47. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/285/KE (ĠU L 104, 13.4.2006, p. 51).

ANNESS

"ANNESS

1. **ŻONI FEJN HUMA FIS-SEĦĦ PJANIJIET TA' QERDA:**

A. **Fl-istat federali tar-Rhineland-Palatinate:**

1. Fil-parti ta' l-Eifel:

(a) fil-Kreis Ahrweiler: il-muniċipalitajiet ta' Adenau u Altenahr;

(b) fil-Kreis Daun: il-muniċipalitajiet ta' Obere Kyll u Hillesheim, fil-muniċipalità ta' Daun il-lokalitajiet ta' Betteldorf, Dockweiler, Dreis-Brück, Hinterweiler u Kirchweiler, fil-muniċipalità ta' Kelberg il-lokalitajiet ta' Beinhausen, Bereborn, Bodenbach, Bongard, Borler, Boxberg, Brücktal, Drees, Gelenberg, Kelberg, Kirsbach, Mannebach, Neichen, Nitz, Reimerath u Welcherath, fil-muniċipalità ta' Gerolstein il-lokalitajiet ta' Berlingen, Duppach, Hohenfels-Essingen, Kalenborn-Scheuern, Neroth, Pelm u Rockeskyll u l-Belt ta' Gerolstein;

(ċ) fid-Distrett Bitburg-Prüm: fil-muniċipalità ta' Prüm il-lokalitajiet ta' Büdesheim, Kleinlangenfeld, Neuendorf, Olzheim, Roth bei Prüm, Schwirzheim u Weinsheim.

2. Fil-parti ta' l-Pfalz:

(a) il-Belt ta' Pirmasens;

(b) fid-Distrett ta' Südwestpfalz: il-muniċipalitajiet ta' Pirmasens-Land, Thaleischweiler-Fröschen, Dahner Felsenland, Hauenstein mingħajr Exklave zu Wilgartswiesen, il-lokalitajiet ta' Herschberg, Schauerberg, Schmitshausen, Weselberg, Wallhalben, Knopp-Labach, Hettenhausen, Saalstadt, Hermersberg, Höheinöd, Donsieders, Clausen, Rodalben, Münchweiler a. d. Rodalb, Merzalben, Waldfischbach-Burgalben;

(ċ) fil-Kreis Südliche Weinstraße: il-lokalitajiet ta' Annweiler am Trifels mingħajr Exklave, il-lbiċ ta' Exklave zu Landau in der Pfalz, Rinnthal, Wernersberg, Völkersweiler, Gossersweiler-Stein, Oberschlettenbach, Vorderweidenthal, Silz, Münchweiler am Klingbach, Klingenmünster, Gleiszellen-Gleishorbach, Pleisweiler-Oberhofen, Bad Bergzabern, Birkenhördt, Böllenborn, Dörrenbach, Oberotterbach, Schweigen-Rechtenbach, Schweighofen, Ilbesheim bei Landau in der Pfalz, Leinsweiler, Eschbach, Waldhambach, Waldrohrbach.

B. **Fl-istat federali tan-Nord Rhine-Westphalia :**

(a) il-Belt ta' Aachen: fin-nofsinhar ta' l-awtostradi A4, A544 u l-Bundesstrasse B1;

(b) il-Belt ta' Bonn: in-nofsinhar tal-Bundesstrasse 56 u l-awtostrada A 565 (Bonn-Endenich sa Bonn-Poppelsdorf) u l-ilbiċ tal-Bundesstrasse 9;

(ċ) fid-Distrett ta' Aachen: il-Bliet ta' Monschau u Stolberg, il-muniċipalitajiet ta' Simmerath u Roetgen;

(d) fid-Distrett ta' Düren: il-Bliet ta' Heimbach u Nideggen, il-muniċipalitajiet ta' Hürtgenwald u Langerwehe.

(e) fil-Kreis Euskirchen: il-Bliet ta' Bad Münstereifel, Mechernich, Schleiden u l-lokalitajiet ta' Billig, Euenheim, Euskirchen, Flamersheim, Kirchheim, Kuchenheim, Kreuzweingarten, Niederkastenholz, Palmersheim, Rheder, Roitzheim, Schweinheim, Stotzheim, Wißkirchen (fil-Belt ta' Euskirchen), il-muniċipalitajiet ta' Blankenheim, Dahlem, Hellenthal, Kall u Nettersheim;

(f) fid-Distrett tar-Rhein-Sieg: il-Bliet ta' Meckenheim u Rheinbach, il-muniċipalità ta' Wachtberg, il-lokalitajiet ta' Witterschlick, Volmershofen, Heidgen (fil-muniċipalità ta' Alfter) u l-lokalitajiet ta' Buschhoven, Morenhoven, Miel u Odendorf (fil-muniċipalità ta' Swisttal);

2. **ŻONI FEJN QED TIĠI APPLIKATA L-VAĊĊINAZZJONI TA' EMERĠENZA:**

A. **Fl-istat federali tar-Rhineland-Palatinate:**

1. Fil-parti ta' l-Eifel':

(a) fil-Kreis Ahrweiler: il-muniċipalitajiet ta' Adenau u Altenahr;

(b) fil-Kreis Daun: il-muniċipalitajiet ta' Obere Kyll u Hillesheim, fil-muniċipalità ta' Daun il-lokalitajiet ta' Betteldorf, Dockweiler, Dreis-Brück, Hinterweiler u Kirchweiler, fil-muniċipalità ta' Kelberg il-lokalitajiet ta' Beinhausen, Bereborn, Bodenbach, Bongard, Borler, Boxberg, Brücktal, Drees, Gelenberg, Kelberg, Kirsbach, Mannebach, Neichen, Nitz, Reimerath u Welcherath, fil-muniċipalità ta' Gerolstein il-lokalitajiet ta' Berlingen, Duppach, Hohenfels-Essingen, Kalenborn-Scheuern, Neroth, Pelm u Rockeskyll u l-Belt ta' Gerolstein;

(ċ) fid-Distrett Bitburg-Prüm: fil-muniċipalità ta' Prüm il-lokalitajiet ta' Büdesheim, Kleinlangenfeld, Neuendorf, Olzheim, Roth bei Prüm, Schwirzheim u Weinsheim.

2. Fil-parti ta' l-Pfalz':

(a) il-Belt ta' Pirmasens;

(b) fid-Distrett ta' Südwestpfalz: il-muniċipalitajiet ta' Pirmasens-Land, Thaleischweiler-Fröschen, Dahner Felsenland, Hauenstein minghajr Exklave zu Wilgartswiesen, il-lokalitajiet ta' Herschberg, Schauerberg, Schmitshausen, Weselberg, Wallhalben, Knopp-Labach, Hettenhausen, Saalstadt, Hermersberg, Höheinöd, Donsieders, Clausen, Rodalben, Münchweiler a. d. Rodalb, Merzalben, Waldfischbach-Burgalben;

(ċ) fil-Kreis Südliche Weinstraße: il-lokalitajiet ta' Annweiler am Trifels minghajr Exklave, il-lbiċ ta' Exklave zu Landau in der Pfalz, Rinnthal, Wernersberg, Völkersweiler, Gossersweiler-Stein, Oberschlettenbach, Vorderweidenthal, Silz, Münchweiler am Klingbach, Klingenmünster, Gleiszellen-Gleishorbach, Pleisweiler-Oberhofen, Bad Bergzabern, Birkenhördt, Böllenborn, Dörrenbach, Oberotterbach, Schweigen-Rechtenbach, Schweighofen, Ilbesheim bei Landau in der Pfalz, Leinsweiler, Eschbach, Waldhambach, Waldrohrbach.

B. **Fl-istat federali tan-Nord Rhine-Westphalia:**

(a) il-Belt ta' Aachen: fin-nofsinhar ta' l-awtostradi A4, A544 u l-Bundesstrasse B1;

(b) il-Belt ta' Bonn: in-nofsinhar tal-Bundesstrasse 56 u l-awtostrada A 565 (Bonn-Endenich sa Bonn-Poppelsdorf) u l-ilbiċ tal-Bundesstrasse 9;

(ċ) fid-Distrett ta' Aachen: il-Bliet ta' Monschau u Stolberg, il-muniċipalitajiet ta' Simmerath u Roetgen;

(d) fid-Distrett ta' Düren: il-Bliet ta' Heimbach u Nideggen, il-muniċipalitajiet ta' Hürtgenwald u Langerwehe;

(e) fil-Kreis Euskirchen: il-Bliet ta' Bad Münstereifel, Mechernich, Schleiden u l-lokalitajiet ta' Billig, Euenheim, Euskirchen, Flamersheim, Kirchheim, Kuchenheim, Kreuzweingarten, Niederkastenholz, Palmersheim, Rheder, Roitzheim, Schweinheim, Stotzheim, Wißkirchen (fil-Belt ta' Euskirchen), il-muniċipalitajiet ta' Blankenheim, Dahlem, Hellenthal, Kall u Nettersheim;

(f) fid-Distrett tar-Rhein-Sieg: il-Bliet ta' Meckenheim u Rheinbach, il-muniċipalità ta' Wachtberg, il-lokalitajiet ta' Witterschlick, Volmershofen, Heidgen (fil-muniċipalità ta' Alfter) u l-lokalitajiet ta' Buschhoven, Morenhoven, Miel u Odendorf (fil-muniċipalità ta' Swisttal)."